A.L. 242 ta' l-2008

ATT DWAR L-I*SPORTS*
(KAP. 455)

Ordni ta' l-2008 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 13)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2008 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 13).

Proprjetà assenjata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan assenjata għall-finijiet tat-tgawdija, pussess, użu u amministrazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet li jappartjenu għal dik il-proprjetà assenjata skond l-artiklu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà assenjata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita u tkun vestita fil-Kunsill Malti għall-I*sport* kif provdut fl-imsemmi artiklu b'seħħ mill-1 ta' Lulju 2008.

Deskrizzoni ta' proprjetà assenjata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

Fond bla numru u bla isem fi Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi OC, Santa Venera ta' madwar 245 metru kwadru, li jmiss min-Nofs in-Nhar ma' triq pubblika, mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' beni ta' sidien mhux magħrufa, kif delineati bil-kulur aħmar fuq il-pjanta L.D. 150/95/1.

B 3338


LAND DEPARTMENT - VALLETTA
LOCALITY ST VENERA
SCALE 1:500
DRWG. NO LD.
DRAWN BY
CHECKED
FILE LAND 2004
ENGINEER
COMMISSIONER
DATE
DATE
Scale 1:500
Scale 1:1000
TELEFONI TAL-PERIKOLI